Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Rikors Numru. 32/2000/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Violet Giordano, Martin Giordano, Stephen Giordano u Patricia Giordano, Isabelle Mallia, Arthur Giordano, Nicky Giordano, Peter Giordano, Josette Borg, Cecilia Barbara, Paul Giordano**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 22 ta' Mejju, 2000 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-limiti tan-Naxxar tal-kejl ta' madwar 34,308 metri kwadri li tinkludi dura, girna, giebja, 2 kmamar u bir u tmiss mill-Punent mal-proprjeta' tal-Knisja Santu Wistin, min-Nofsinhar u mix-Xlokk mal-

proprjeta’ tal-katidral huwa ta’ sbatax-il elf lira Maltija (Lm17,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Joe Mizzi A&CE tal-14 t’April 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi ittra ufficjali, tat-12 ta’ Gunju 2000 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ cirka tlieta u erbghin elf u mitejn lira Maltija (Lm143,200).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi ghalkemm l-esponenti mhux qed jikkontestaw it-talba tar-rikorrent, huma jissottometti illi l-ammont ta’ kumpens li ghandhom jigu mhallsa lilha huwa dak minnhom pretiz u mhux dak lilhom offrut.

Illi fit-tieni lok, il-kumpens offrut huwa leziv ghad-drittijiet fundamentali taghhom billi ma nghatax kumpens adegwat u konfacenti mal-valur tal-art de quo.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda prodotti jirrizulta illi l-intimati ghandhom pretensjonijiet ferm ghola mill-offerta tad-Direttur tal-Artijiet.  L-intimati ressqu diversi dokumenti u stimi in sostenn tat-talba taghhom u dawn kienu debitament konsiderati mill-periti membri tal-Bord assenjati sabiex jassistu lill-istess Bord f'din il-materja teknika

Illi l-istess periti membri, wara li hadu konjizzjoni tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti hejjew relazzjoni bil-miktub li tinsab esebita u formanti parti minn din is-sentenza, fejn ikkonkludew bil-mod segwenti:

Wara li hadna in konsiderazzjoni l-provi u dokumenti relattivi elenkati fil-process flimkien max-xhieda migjuba, minn kalkoli li ahna ghamilna a bazi ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Proprjeta' ghall-Skopijiet Pubblici Kap 88, jirrizultalna illi l-valur ta' l-art espproprijanda bil-benefikati li kien hemm fiha jammontaw ghas-somma ta' disgha u hamsin elf u hames mitt liri malti libera u franka (Lm59,000.00) ekwivalenti ghall Euros 138,597.71.

Illi a tenur tal-Kap 88, la darba l-periti membri tal-Bord ikunu waslu ghal-decizjoni unanima dwar il-valur tal-art, l-istess Bord ghandu jiddeciedi l-kaz fuq dak il-valur. Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrent u jordna lil-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut il-bicca art li qed tkun dikjarata agrikola fil-limiti tan-Naxxar tal-kejl ta' madwar 34,308 metri kwadri li tinkludi dura, girna, giebja, 2 kmamar u bir u tmiss  mill-Punent mal-proprjeta' tal-Knisja Santu Wistin, min-Nofsinhar u mix-Xlokk mal-proprjeta' tal-Katidral  u dan bil-valur ta' mija u tmienja u tletin elf hames mija seba u disghin euro u wiehed u sebghin centezmu  (Euro 138,597.71) oltre l-imghax legali.  Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-24  ta' Gunju, 2009 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharrafha bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit

mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------